Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2050/1999/1

**Joseph u Rose konjugi Bonnici bhala legittim rapprezentanti ta' binthom minuri Nadia Bonnici li b' nota tat-3 ta' Mejju 2001 assumiet l-atti tal-kawza stante li saret maggjorenni**
**Vs**
**Noel Formosa u Stephanie Formosa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi fit-3 ta' Awissu 1998 waqt li Nadia Bonnici, bint l-atturi kienet qed taqsam Hompesch Road, Fgura hi giet investita mill-vettura b'numru ta' registrazzjoni CAJ-337 misjuqa mill-konvenut;

U peress li bhala diretta konsegwenza ta' tali incident Nadia Bonnici sofriet griehi f'riglejha x-xellugija illi

irrizultaw f'dizabilita' permanenti, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U peress illi tali incident gara unikament tort tal-konvenut Noel Formosa, minhabba imperizja, traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dan kif jirrizulta ahjar mit-trattazzjoni tal-kaz;

U peress illi l-atturi nomine soffrew danni bi htija tal-konvenut konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Jghidu ghaliex il-konvenuti ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara li il-konvenut huwa unikament responsabbli tal-incident fuq imsemmi;

2. tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghal hlas tad-danni sofferti mill-atturi nomine in konsegwenza tal-incident fuq imsemmi, jekk ikun hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi;

3. tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine;

4. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi nomine l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez.

Il-konvenuti huma ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni stante li d-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni mhiex mahlufa kif trid il-ligi;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost ic-citazzjoni attrici hija monka stante li ma giex indikat

f'liema Qorti qed tigi ipprezentata c-citazzjoni fl-ismijiet fuq premessi;

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost ic-citazzjoni attrici hija monka stante li ma giex osservat il-vot tal-ligi dwar ix-xhieda u cioe li ma giex iddikjarat, dwar kull wiehed mix-xhieda, xi prova bi hsiebhom jaghmlu l-atturi nomine;

4. Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-allegat incident sehh tort unikament tal-minuri Nadia Bonnici u ghalhekk it-talbiet ta' l-atturi nominee ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti li permezz taghha ppremettew u talbu hekk:

Premess illi waqt l-istanti Noel Formosa kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka Vauxhall bin-numru tar-registrazzjoni CAJ-337 go Hompesch Street, Fgura nhar is-6 ta' Awissu, 1998 Nadia Bonnici qabdet u qasmet it-triq minghajr ma osservat ir-regolamenti u b'hekk ikkawzat diversi hsarat u danni fil-vettura tal-istanti Noel Formosa u dan kif jista jigi ippruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi l-istanti Noel Formosa garrab diversi hsarat li jammontaw ghal mitejn hamsa u erbghin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm245.34) jew soma ohra verjuri, inqas jew izjed, kif jista jigi stabbilit fl-andament tal-kawza;

U premess illi dan l-incident gie ikkawzat minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, imperizja, traskuragni u negligenza unikament da parti ta' Nadia Bonnici;

U premess illi Joseph u Rose konjugi Bonnici huma l-legittimi rappresentanti ta' binthom minuri Nadia Bonnici u ghalhekk ghandhom jaghmlu tajjeb ghal tali danni;

U premess illi minkejja li r-rikonvenzjonati konjugi Bonnici gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni dawn baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti rikonvenzjonati jew min minnhom prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara illi Nadia Bonnici hija responsabbli ghall-incident li sehh fis-6 ta' Awissu, 1999;

2. Tiddikjara li r-rikonvenzjonati konjugi Bonnici huma responsabbli ghall-hlas tad-danni u hsarat li soffra l-istanti Noel Formosa bhala konsegwenza ta' l-incident fuq indikat;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-istanti Noel Formosa fl-ammont ta' mitejn hamsa u erbghin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm245.34) jew somma ohra verjuri, anqas jew izjed u dan anke permezz ta' l-opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lir-rikonvenzjonati konjugi Bonnici jhallsu lill-istanti Noel Formosa u Stephanie Formosa l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u l-ispejjez legali, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata ta' Marzu, 1999 kontra r-rikonvenzjonati konjugi Bonnici li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati li biha eccepew:

1. Preliminarjament illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex kompetenza ratione valoris stante illi kif stqarru l-istess konvenuti rikonvenjenti, il-kreditu pretiz minnhom ma jeccedix il-mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250).

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti mhiex kompetenti minhabba lis alibi pendens ossia kawza ohra fuq l-istess oggett attwalment pendenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Dok JB1).

3. Illi, minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-premess, l-incident gara unikament tort tal-konvenut rikonvenjenti, u l-istess konvenut ma sofriex id-danni minnu reklamati.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 2003, li permezz taghha gew michuda l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati, bir-riserva tal-ispejjez;
Rat il-verbal registrat quddiem l-Assistant Gudizzjarju fit-23 ta' Novembru 2001mill-partijiet li qabbli li l-provi kellhom jigu limitati kwistjoni dwar ir-responsabbilita' tal-incident[Fol.127];
Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2004 fejn il-partijiet qabblu li l-kawza tithalla ghas-sentenza limitatament ghall-ewwel u ghat-tieni talba attrici rigwardanti r-responsabbilita' [Fol.177];
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fis-6 ta' Awissu 1998 kmieni wara nofs in nhar meta Nadia Bonnici, allura minuri, kienet qeda taqsam go Hompesch Road Fgura, hija sfat involuta f' incident mal-vettura CAJ 337 misjuqa mill-konvenut Noel Formosa. Irrizulta li inizjalment Nadia Bonnici kienet qeda riekba go van misjuq minn ommha Rose Bonnici. Sussegwentement, din ipparkjat il-van mal-bankina fl-inhawi u vicin l-istage tal-karrozzi tal-linja u Nadia nizlet mill-van bil-hsieb li taqsam it-triq biex tmur tixtri minn hanut tal-pasitizzi. Nadia Bonnici ma qasmitx minn fuq iz-zebra crossing li hemm f' dik il-parti tat-triq, u qasmet minn quddiem il-van. Waqt li kienet ghadha fl-ewwel parti tat-triq, li hija karreggjata doppja, giet karrozza misjuqa b'

mod normali u mhux b’ velocita’ mill-konvenut, li rifistilha saqajha bir-rota ta’ quddiem tan-naha xellugija. Fi kliem l-istess Nadia Bonnici: “Iva, jiena naf zgur li r-rota biss laqtitni f’ saqajha …. X’ hin kont qeghda naqsam giet karrozza u laqtitni bir-rota rifsitni u jigifieri mal-ewwel mort ma’ l-art”[1]

Illi kagun ta’ dan l-incident Nadia Bonnici sofriet griehi fuq il-persuna taghha, u l-konvenut sofra hsara fil-vettura tieghu li skond is-survey report kienet tikkonsisti fi hsara fil-bieba tal-xellug ta’ quddiem u hsara fil-rokna xellugija fil-windscreen.[2]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi hu d-dmir ta’ sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a *reasonable look out*, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli….” *Reasonable look out* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view* ***[Vol.LXXXII.III.322].*** *“The duty to look implies the duty to see what is in plain view”* ***[Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]*** Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe’ qabel ma jaqsam il-karreggjata. Fil-kawza ***Joseph Micallef vs Joseph Sammut*** deciza 28 ta’ Gunju 2001, din il-Qorti[3] osservat: “… l-utenti tat-triq, u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq,u fil-fatt irid jipprova li huwa *‘used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances”****[Gibb para 127]*** *[Vide wkoll PA.(RCP)****Carmel Schembri et noe vs Dorianne Zerafa*** *deciza 12 Lulju 200]*

F’ materja ta’ provi, jigi osservat li “Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti

---

[1] Fol.96

[2] Survey report maghmul minn Mark Micallef wara li ezamina l-vettura fl-10.08.1998 u konfermat minnu fix-xhieda tieghu - Fol.106.

[3] Diversament presjeduta

ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwak tal-konsistenza u **verosimiljanza,** ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"[4] Inoltre, huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.[5]

*Osservazzjonijiet fattwali*

Illi t-tesi attrici hi fis-sens li Nadia Bonnici qasmet it-triq wara li kienet accertat ruhha li ma kienux gejjin karrozza; filwaqt li l-konvenut isostni li hu kien qed isuq b' velocita' normali, kien fuq in-naha tieghu tat-triq ghalkemm kellu jesporgi ftit il-barra mill-bankina fuq in-naha tax-xellug peress li kien hemm vetturi pparkajt inkluz il-van ta' missjuq minn ommha. Kemm Bonnici kif ukoll il-konvenut sostnew li huma raw lil xulxin mal-hatba. It-tesi tal-konvenut hija li kienet Nadia Bonnici li baqghet diehla fil-vettura tieghu.

Nadia Bonnici tghid hekk: *" ma kien gej xejn [karrozzi] u f' daqqa wahda tajritni karrozza, rifsitni bir-rota"*[6] Noel Formosa jghid hekk: *"Jiena rajtha f' daqqa wahda. Hassejt daqqa mal-genb u waqaft mal-ewwel"*[7]

Illi din il-Qorti wara ezami akkurat tal-provi hija tal-fehma li l-ma jistax jinghad li l-incident de quo sehh minhabba negligenza jew imperizija fis-sewqan da parti tal-konvenut Noel Formosa. Jirrizulta sodisfacentement provat li dan kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat triq, b' velocita' normali u ma hemm xejn x' jigi censurat fis-sewqan tieghu.

---

[4] *Prim.Awla [MCC]* ***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia*** – 24.11.1966

[5] *App.Inf.****Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*** – 22 ta' Novembru 2002

[6] Fol.92

[7] Fol.110

Il-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz, il-kawza prossima u immedjata tal-incident kienet in-nuqqas ta’ attenzjoni u nuqqas ta’ diligenza da parti ta’ Nadia Bonnici, meta dina qasmet, minn quddiem van ipparkjat li ostakola kemm il-vizwali tal-konvenut kif wkoll il-vizwali taghha meta giet biex taqsam it-triq. F’ dawn ic-cirkostanzi hija kellha tezercita dik l-attenzjoni dettata mic-cirkostanzi sabiex taccerta ruhu li ma kienux gejjin vetturi minn dik il-parti tat-triq, u li l-vizwali tas-sewwieqa taghhom kienet parzjalment ostakolata minn karrozzi ipparkajti fuq dik in-naha tat-triq. Mill-provi jidher li din l-utenti ma ssodisfatx debitament dan l-obbligu bir-rizutlat li baqghet diehla gol-vettura misjuqa mill-konvenut. Dan jirrizulta car, kemm mix-xhieda taghha kif ukoll mill-posizzjoni tal-hsara fuq il-vettura. U dan apparti mill-fatt li din l-utenti deherilha li ma kellhiex taqsam minn fuq iz-zebra crossing li hemm f’ dik il-parti tat-triq. Ghaldaqstant dan l-incident sehh unikament tort tal-imsemmija Nadia Bonnici.

In konkluzjoni jinghad li [1] il-versjoni tal-incident kif moghtija mill-konvenut ghandha grad qawwi ta’ verosimiljanza, u hija sostnuta mill-assiem tal-provi; u [2] l-atturi ma rnexxielhom jipprovaw il-kaz taghhom kontra l-konvenuti fil-grad li titlob il-ligi. Ghaldaqstant l-ewwel zewg talbiet tal-atturi ma humiex sostenbibbli fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi, tilqa’ r-raba eccezzjoni tal-konvenuti u tichad l-ewwel u t-tieni talba attrici; bl-ispejjez a kariku tal-atturi;

Tiddeciedi dwar il-kontro talba, billi, tirrespingi t-tielet eccezzjoni tal-atturi, u tilqa’ l-ewwel zewg talbiet; bl-ispejjez a kariku tal-istess atturi;

L-ispejjez tal-gudizzju tat-23 ta’ Novembru 2000, jibqghu wkoll a kariku tal-atturi.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------